MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46

Il-Ħamis, 14 ta' Frar, 2019

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-10:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

ASSENTI:

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 46.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

46.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

46.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 46.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

46.2.1 Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma Joe Grima rigward il-manutenzjoni tal-Pjazza u talbu meta l-aħjar li jibda x-xogħolijiet. Wara diskussjoni sar qbil li jibda wara li jitlestew ix-xogħoljiet fi Triq id-Duluri.

46.2.2 Is-Sindku qal li tressqet talba sabiex fit-Triq 10 ta' Awissu isiru bollards fuq id-double yellow lines. Wara diskussjoni sar qbil li isiru bollards għal żmien il-festa li jkunu jinqalgħu għall-bqija tas-sena.

46.2.3 Is-Sindku qal li l-karozza li applikajna sabiex nixtru bl-approvazzjoni tad-direct order, ġiet mibjugħa. Ġiet ippreżentata kwotazzjoni oħra minn Galea General Services li tiswa € 42,300. Sar qbil li nitolbu iktar fondi minn TM peress li l-funds allokati għall-karozza kien ta' €30,000. Sar qbil ukoll li tixtara l-karozza meta jkunu approvata l-fondi mitluba.

46.2.4 Is-SE ippreżentat ir-rapport taċ-Ċentru tad-Dwejra u ġie moqri waqt il-laqgħa.

46.2.5 Is-SE qalet li waslet email mingħand l-AKL biex nipprovdu post għall-installazjoni ta' charging pillars. Sar qbil li nibgħatu li qed nipproponu li jiġu installati fi Triq Nicholas Monsarrat.

46.2.6 Is-SE saqsiet għall-approvazzjoni sabiex tibqa Ms Marianne Sagona bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv għad-disgħin ġurnata li jmiss. Il-Kunsill approva.

46.2.7 Is-SE qrat Ċirkularu nr. 3/2019. Sar qbil li napplikaw għall-manutenzjoni tal-Belvedere Colle Umberto.

46.2.8 Is-SE qalet li waslet email mingħand l-AKL fejn ħabbru li se ikun hemm opportunita' ta kors tal-First Aid u Fire Wardens. Is-SE ipproponiet li tattendi hi flimkien mal-iskrivana. Il-Kunsill qabel.

46.2.9 Is-SE infurmat li intbagħtet email mill-uffiċċju tal-CWS li tgħid li jekk ma jiġix iffirmat il-kuntratt tal-ħaddiem tagħhom, se tiġi trasferita mill-Kunsill. Sar qbil li jiġi iffirmat.

46.2.10 Is-SE fakkret fil-proġett 'LOCAL4GREEN Project' li hu implimentat minn MIEMA (Malta Intelligent Energy Management Agency) u ko-finanzjat mill-Interreg MED Programme. Is-SE kompliet tgħid li bħala inċentiv ikorporat mall-proġett, il-Kunsill se jagħti inċentivi lil dawk ir-residenti li għandhom xi tip ta' Enerġija Renovabbli installata. Din l-inċentiva se tkun relatata mall-proġett 'Permanent Sustainability Mobility Measures'. L-inċentiva lir-residenti se tkun li meta jitlesta il-parti tal-proġett tar-roti u l-karozza tal-elettriku, ir-residenti m'humiex se jħallsu għall-użu tagħhom iżda jingħata xi forma ta' voucher. Il-Kunsill qabel.

## 46.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri;

46.3.1 Il-Kunsillier Joseph Cauchi talab lill-Kunsill għall-skip sabiex jintuża mill-Football Club. Il-Kunsill qabel.

## 46.4 Updates tal-Proġetti;

46.4.1 Is-Sindku qal li iltaqgħa mal-kuntrattur Victor Hili sabiex jagħmlu traffic management plan għall-Triq id-Duluri. Hu kompla jgħid li l-kuntrattur qallu li x-xogħolijiet se jibdew fil-bidu ta' Marzu.

46.4.2 Is-SE qalet li daħlu l-istimi tal-WSC għall-Triq Wied il-Merill u Triq il-Wileg u għalhekk nistgħu nipproċedu bit-tenders. Il-Kunsill qabel.

## 46.5 Baġit 2019 u Financial Statements 2018;

46.5.1 Is-SE ippreżentat l-abbozz tal-baġit għas-sena 2019 u dan ġie approvat.

46.5.2 Is-SE ippreżentat ir-rapport finanzjarju li mhux verifikat.

46.5.3 Is-SE qalet li kif kien spejgat mill-*accountant* ukoll, hemm bżonn li tkun sena għaqlija peress li l-*working capital* għadu baxx. Ir-rapport ġie approvat.

## 46.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

46.6.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 46.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

46.7.1 Il-laqgħa intemmet fl-12:30 u ġiet aġġornata għall-13 ta' Marzu 2019 fl-10:00.

(IFFIRMATA)

Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv